**159. Il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, l-Onor. Ian Borg ippropona:-**

Billi hija politika tal-Gvern li lill-Università ta' Malta tingħatalha sostenn minn kwalunkwe lat għall-ġid tal-istudenti kollha li jiffrekwentaw fiha, sew Maltin u sew barranin;

Billi 1-Università ta' Malta hija kommessa li tibni kumpless residenzjali u kommunitarju fuq art li tippartjeni lilha f'Tal-Qroqq, limiti tal-Imsida;

Billi 1-proġett kif imfassal u mistenni li jiġi approvat skont l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, PA 7926/16 u PA 456/17 huwa proġett ta' prestiġju kbir, ta' importanza nazzjonali u ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-pajjiż, ċertament jikkwalifika bħala proġett fl-interess pubbliku;

Billi 1-art li tippartjeni 1-Università ta' Malta tikkonsisti f'żewġ porzjonijiet ta' art distinti iżda ssegregati b'sqaq li qabel kien jiżbokka f'art li llum hemm parti mill-Isptar Mater Dei mibni fuqha u ma jinfidx, għaldaqstant oriġinarjament meqjus bħala proprjetà privata u mhux tal-Gvern;

Billi biex 1-Università ta' Malta tikkonsolida 1-art li tikkontempla li tibni l-kumpless residenzjali u kommunitarji fuqha, kien hemm il-ħtieġa li 1-isqaq li hu twil 85m tal-kejl superfiċjali u ta' madwar 227m$^2$, jiġi esproprjat u akkwistat permezz ta' Dikjarazzjoni numru 1150 datata 19 ta' Ottubru 2017 fl-interess pubbliku u dan skont 1-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi peress li 1-fondi biex tiġi akkwistata din 1-art (sqaq) inħarġu totalment mill-fondi u għas-spejjeż tal-Università ta' Malta fl-ammont ta' mija ħamsa u tletin elf ewro (€135,000), b'riżerva għal kull żieda li tista' tingħata mill-Bord tal-Arbitraġġ tal-Artijiet;

Illi għalkemm ukoll illi 1-Università ta' Malta hija kostitwita bħala korp magħqud b'personalità ġuridika u distinta skont l-artikolu 74A tat Taqsima VII tal-Att dwar 1-Edukazzjoni (Kap. 327) tal-Liġijiet ta' Malta, iżda hija wkoll ġeneralment meqjusa awtonima u indipendenti mill-amministrazzjoni Governattiva;

Għaldaqstant hija proposta li 1-art (sqaq) hawn fuq deskritt tiġi trasferita lill-Università ta' Malta u li b'konsegwenza ta' dak spjegat hawn fuq, dan it-trasferiment isir permezz ta' donazzjoni mill-Gvern ta' Malta lill-Università ta' Malta;

Billi huwa maħsub fl-artikolu 31, sub-artikolu (ċ) ta' Taqsima III tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

Billi huwa maħsub xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi 1-art ġo Tal-Qroqq limiti tal-Imsida tal-kejl ta' 227m$^2$ murija bil-bordura ħamra fuq il-pjanta mmarkata PD 2017_0204 tiġi trasferita b'att ta' donazzjoni kif ukoll skont il-pattijiet u 1-kundizzjonijiet imsemmija fl-abbozz tal-kuntratt hawn anness.

04.07.2018